minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

# KONKORS KANZUNETTA INDIPENDENZA 2013

Nhar il-Ħamis li ġej, 19 ta' Settembru, fuq il-Fosos tal-Furjana se jittella' t-22 edizzjoni tal-Konkors Kanzunetta Indipendenza. L-appuntament hu għat-8.30 ta' filgħaxija. Mark Azzopardi u Christine Haber se jippreżentaw dan l-ispettaklu ta' kanzunetti Maltin.

Fin-nuqqas tal-Festival Internazzjonali tal-Kanzunetta Maltija, li se jirritorna f'Novembru li ġej, il-Konkors Kanzunetta Indipendenza kien meqjus bħala l-ikbar festival fejn tidħol il-kanzunetta Maltija popolari, segwit minn dawk kollha li jsegwu u għandhom għal qalbhom it-talent lokali fix-xenarju tal-festivals.

L-aħħar edizzjoni ta' dan il-konkors intrebħet minn Deborah C bil-kanzunetta *Jekk Nużaw Moħħna*, miktuba minn Joe Chircop u mużika ta' Mark Spiteri Lucas.



*Deborah C, rebbieħa tal-edizzjoni tas-sena li għaddiet*

Il-Konkors Kanzunetta Indipendenza jkun maqsum f'żewġ sessjonijiet, dik tal-'Kantanti Stabbiliti' li jridu jkunu għalqu s-16 il-sena, u dik tat-'Talent Żagħżugħ' ta' 'l fuq minn 14-il sena u li qatt ma rebħu festivals imtellgħa fuq livell nazzjonali jew festivals televiżivi.

Ir-regolamenti ta' dan il-festivals kienu jgħidu li mill-ewwel fażi peleminatorja, il-ġurija jridu jagħżlu l-aħjar 49 kanzunetta mill-kategorija tal-'Kantanti Stabbiliti' u 30 kanzunetta mill-kategorija tat-'Talent Żagħżugħ'.

It-tieni fażi kienet tikkonsisti mill-kantanti jinterpretaw il-kanzunetta tagħhom *live* quddiem ġurija li minnhom intgħażlu 19-il kanzunetta mill-kategorija ta' dawk stabbiliti li jgħaddu għall-finali, filwaqt li 15-il kanzunetta taż-żgħażagħ jerġgħu jieħdu sehem f'fażi oħra li bħas-snin preċedenti xxandret fuq il-programm *Indifest* fuq Net Television matul is-sajf.

L-aktar tlieta vvutati bit-televoting (60%) u l-ġurija (40%) jipparteċipaw bejniethom f'sessjoni apposta fil-festival. Il-kategorija tal-istabbiliti, li tiġbor fiha 20 kanzunetta, tinkludi wkoll il-kanzunetta rebbieħa f'*Passport to Indifest.*



*Mark Azzopardi u Christine Haber, preżentaturi tas-serata finali*

# Il-mistednin speċjali

Il-kantant Hesael, ismu proprju Emanuele Pavano, se jkun il-mistieden speċjali mill-Italja għal din l-edizzjoni. Hesael hu r-rebbieħ bħala Artist Emerġenti 2012 minn Sicilia È, premju li jingħata lill-personalitajiet Sqallin f'setturi varji.

Fuq il-Fosos Hesael se jkanta l-kanzunetta tiegħu stess *Il fuoco ardente*. Fil-ġimgħat li għaddew hu ta żewġ gigs akkustiċi f'San Ġiljan kif ukoll kellu xi intervisti fuq l-istazzjon ta' Radio 101 u deher ukoll fuq Net TV.



*Emanuele Pavano (Hesael)*

Mistiedna oħra Maltin se jkunu Deborah C, ir-rebbieħa tal-aħħar edizzjoni ta' dan il-festival, Gianluca Bezzina, li matul dan is-sajf kellu suċċess kbir wara riżultat pożittiv fil-Eurovision Song Contest, permess ta' *Tomorrow*, James Knight u Annalise Dance Studio.

Għal nhar il-Ħamis, il-pubbliku jista' jattendi billi jixtri l-biljetti mill-ħanut tal-PIN għal 5 ewro. Kull min ikollu biljett jista' jivvota għall-aħjar prestazzjoni. Is-CD tal-konkors tinsab għall-bejgħ mill-ħanut tal-PIN.

Aktar tagħrif dwar il-festival u l-kantanti parteċipanti jinsab fuq il-paġna tal-facebook tal-Konkors Kanzunetta Indipendenza.



*Gianluca Bezzina*

## Talent Stabbilit

**Li Jien Illum** – Simarija u Mikhail (Elton Zarb / Natasha Turner)
**Fraħt Għax Sibtek** – Laura Sammut Bruno (Frederick Camilleri)
**Mhux Pupa Biss** – Raquel Galdes (Minik / Rita Pace)
**Magħqudin** – Francesco Catania (Ludwig Galea / Augusto Cardinali)
**Ħallini Nghidlek** – Nicole Brincat (Minik / Stephen Baldacchino)
**Riflessi** – Karen DeBattista (Mark Scicluna / Emil Calleja Bayliss)
**Perper Rebbieħa** – Marie Claire Attard Bason (Minik / Stephen Baldacchino)
**Gloria** – Mauro u Kim (Rita Pace)
**Rebbiegħa** – Kristen Camilleri (Philip Vella / Chen Vella)
**Inwiegħdek** – Josef u Johanna (Minik / Stephen Baldacchino)
**Nibqa'** – Janice Mangion (Chan Vella / Alexia Schembri)
**Hemm Mieghek Jien** – Neville (Rita Pace / Minik)
**M'Intix Waħdek** – Kylie Coleiro (Philip Vella / Manila Bottone)
**L-Ewlieni** – Danica Muscat (Philip Vella / Emil Calleja Bayliss)
**Aħfirli Jekk Trid** – Fabrizio Faniello (Rita Pace / Minik)
**Ejjew Ilkoll** – Roseann Cordina (Mark Spiteri Lucas / Paul Ellul)
**Armonija** – Minik (Minik / Stephen Baldacchino)
**Fejn Hemm l-Għaqda, Hemm is-Saħħa** – Christian Arding (Chan Vella / Alexia Schembri)
**B'Ħarsitna 'l Fuq** – Domenique (Mark Spiteri Lucas / Paul Ellul)
**Int Kont Hemm** – Daniel Muscat (Mark Spiteri Lucas / Stephen Baldacchino / Marlon Polidano)

## Talent Żagħżugħ

It-tliet kanzunetti rebbieħa f'din il-kategorija ġew deċiżi il-Ħamis li għadda waqt il-programm Indifest. Dawn huma:
**Demgħa** – (Christian u Jasmine (Minik / Stephen Baldacchino)
**Il-Ħolma** – Jean Claude Azzopardi (Minik / Stephen Baldacchino / Gillian Attard)
**Kliem Maġija** – Kimberly u Lyann (Minik / Lyann)